**Fl-għerusija**

Qbaddtu l-mixja
li twassal għaż-żwieġ,
Qbaddtu l-linja
Li twassal għas-sliem.

Naf, ... mhux ħafifa
Li timxu flimkien,
Li t-tnejn tinfetħu
Għall-ħażna taż-żmien.

Żgur li talbitkom
Għandha dejjem tkun,
Kif se tingħaqdu
Mhux min ħa raġun!

Għax ħa ngħiduha
B'saħħitkom id f'id,
Illum l-imħassba
U għada l-marid.

Imma jekk f'nofskom
Iddaħħlu t-talb,
Kemm ġrieħi tfejqu
Dawk fondi tal-qalb!

U mela kuraġġ
Imxu lejn it-tieġ,
Inbnew fil-maħfra
Tiksbu l-aħjar żwieġ!

Patri Mario Attard OFM Cap
5 ta' Diċembru 2020